MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' April, 2013

Numru. 333/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yurgen Vella]**

**vs**

**Balut Caldarar**
**Elisabeta Caldarar**

**Illum, 6 t’ April, 2013**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra Balut Caldarar, ta’ 29 sena, bin Nicolae u Sofia xebba Caldarar, imwieled Rupea (Romania) fil-25 t’ Awwissu, 1983, residenti gewwa Sat, Comana de Jos, no. 196, Brasov, Romania u prezentament f’ Malta gewwa Charlie’s Guest House, Valley Road, Msida, detentur tal-karta ta’ l-identita’ Rumena bin-numru 1830825082206, u

Elisabeta Caldarar ta' 28 sena bint Anton u Rosaria xebba Ciuraru, imwielda Fagras (Romania) fis-26 ta' Frar 1985, residenti gewwa Sat, Comana de Jos, no. 196, Brasov, Romania u prezentament f' Malta gewwa Charlie's Guest House, Valley Road, Msida, u detentrici tal-karta ta l-identita' Rumena bin-numru 2850206081819.

Akkuzati talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess depozizzjonijiet tal-Ligi, b' rizoluzzjoni wahda billi:

Nhar il-5 t' April 2013 ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00am) u gimghat qabel gewwa Pjazza Antione De Paule u f' dawn il-Gzejjer, appropjaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuni ohra, minn flus ta' haddiehor liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u Erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2.329.37) li gew fdati jew ikkunsinjati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifiku minnhom.

U aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara ta' haddiehor liema qliegh huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u Erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2.329.37)

U aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi f' xi post Pubbliku mmolestaw lin-nies biex jitlob il-karita'.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tar-rikavat ta' reat relevanti, u dan bi ksur tal-artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 293, 308, 310(1)(b) u 338(x) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, kif ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta kif ukoll il-fatt li l-imputati jistghu jitilqghu minn Malta llum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 308, 310(1)(b) u 338(x) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sena prigunerija li b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta’ sentejn; in oltre qed tilqa t-talba tal-Prosekuzzjoni u b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-ammont ta’ €209.31.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetttu reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------